**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit***

**Kumpilazzjoni Nru. 557/15**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**-vs-**

**Keith Pace**

**Illum 17 ta' Jannar 2023**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Keith Pace, iben Lawrence u Emma nee' Vella, imwieled Pieta' fl-10 ta' Lulju 1980, residenti 49, Stefano Zerafa Street, Marsa u detentur tal-Karta tal-Identita' numru 327480M;

Akkuzat, talli f'dawn il Gżejjer matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Lulju 2015 u x-xhur ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożżizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. F'xi ħin bejn l-4:30 ta' wara nofsinhar tat-23 ta' Ġunju 2015 u it-8:00 ta' filgħodu ta' l-24 ta' Ġunju 2015, f'dawn il Gżejjer ikkommetta serq ta' oġġetti u ċioe' diversi għodod ta' l-elettriku, liema serq li huwa kkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) iżda huwa anqas minn elfejn, tlett mijas u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-mezz, kif ukoll bil-ħin sar għad-detriment ta' Piettro Barone minn tas-Sliema u/jew persuni oħra;

2. Kif ukoll talli f'xi ħin bejn l-4:30 ta' wara nofsinhar tat-23 ta' Ġunju 2015 u it-8:00 ta' filgħodu ta' l-24 ta' Ġunju 2015, f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara li ma tiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro imma hija iżjed minn mitejn u ħamsin ewro saret għad-detriment ta' Pietro Barone tas-Sliema u/jew persuni oħra;

3. F'diversi okkażżjonijiet matul il-perjodu ta' bwejn it-28 ta' Ġunju 2015 u it-30 ta' Ġunju 2015, f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta serq ta' oġġetti u ċioe' diversi għodod ta'  l-elettriku, liema serq li huwa ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi bs-somma ta' elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), bil-ħin, kif ukoll bil-lok sar għad-detriment tad-diriġenti tal-konsorzju *Enviromental Landscapes Consortium* u/jew persuni oħra;

4. F'diversi okkażżjonijiet matul il-perjodu ta' bwejn it-28 ta' Ġunju 2015 u it-30 ta' Ġunju 2015, f'dawn il-Gżejjer, volontarjament ħassar, għamel ħsara, jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara li ma tiskorrix l-ammont ta' tlieta u għoxrin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu saret għad-detriment tad-diriġenti tal-konsorzju *Enviromental Landscapes Consortium* u/jew persuni oħra;

5. Nhar l-01 ta' Lulju 2015 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda

b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom liema oġġetti ġejjin minn serq ikkwalifikat bil-valur li jeċċedi s-somma ta' elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

6. Nhar l-01 ta' Lulju 2015 għall-ħabta tad-09:15am f'dawn il-Gżejjer, insulenta, ħedded, jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Antoinette Rapinett;

7. Nhar l-01 ta' Lulju 2015, f'dawn il-Gżejjer mingħajr il-ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra il-Liġi iżda biss biex jeżerċita dritt li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorita' tiegħu innifsu lil xi ħadd iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkel lil Antoinette Rapinett fil-pussess ta' ħwejjiġha b'xi mod ieħor kontra il-Liġi jew indaħal fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor;

8. Nhar l-06 ta' Lulju 2015, f'dawn il-Gżejjer, ikkommetta ħarba mill-kustodja tal-Pulizija meta kien fil-kustodja ta' PC 819;

9. Nhar l-06 ta' Lulju 2015, f'dawn il-Gżejjer, saq vettura b'manjiera traskurata u perikoluża kif ukoll b'veloċita eċċessiva;

10. Nhar l-06 ta' Lulju 2015, f'dawn il-Gżejjer, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-Liġi minn servizz pubbliku, filwaqt li għaġixxa għall-esekuzzjoni tal-Liġi jew ta' ordni mogħti skont il-Liġi mill-awtorita' kompetenti.

11. Nhar l-06 ta' Lulju 2015, f'dawn il-Gżejjer, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PC 819 persuna nkarigata minn servizz pubbliku jew ma ħalliex jew fixkel waqt li għamel dmirijiet tiegħu jew

b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fi dmirijietu jew billi ġsb fix-xejn jew ħassar dali li ħaddieħor għamel b'liġi;

Il-Qorti ġiet ġentilement mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurta' ta' Antoinette Rapinett skont it-termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija toħroġ ordni ta' protezzjoni sabiex tipprovdi għas-sigurta' tal-persuna offiża jew individwi oħra skont it-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu taż-żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. meta fit-02 ta' Settembru 2013 ingħata il-benefiċċju tal-liberta' proviżorja taħt diversi kundizzjonijiet.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu taż-żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Carol Peralta LL.D. meta fl-10 ta' Settembru 2013 ingħata il-benefiċċju tal-liberta' proviżorja taħt diversi kundizzjonijiet.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu taż-żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta minn diversi Maġistrati fejn l-imputat ingħata il-benefiċċju tal-liberta' proviżorja taħt diversi kundizzjonijiet.

Kif ukoll talli fl-istess perjodu taż-żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' proviżorja imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati kif preseduta mill-Maġistrat Dr. Natasha Galea Scibberas LL.D. liema sentenza ġiet definittiva u ma tistax tinbidel, u din ingħatat fi 17 ta' Marzu 2015, għal perjodu ta' sena.

Fl-istess perjodu taż-żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, irrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien instab ħati ta' reati b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru defenittivi u ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi il-piena stabbilita skont il-Liġi tordna lil ħati sabiex is-somma ta' €500 imposta fuqu bħala depożitu, kif ukoll is-somma ta' €2,000 imposta bħala garanzija personali fuqu mill-Maġistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D. jiġu ikkonfiskati u mgħoddija a favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi il-piena stabbilita skont il-Liġi tordna lil ħati sabiex is-somma ta' €500 imposta fuqu bħala depożitu, kif ukoll is-somma ta' €2,000 imposta bħala garanzija personali fuqu mill-Maġistrat Dr. Carol Peralta LL.D. jiġu ikkonfiskati u mgħoddija a favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba ukoll sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi il-piena stabbilita skont il-Liġi tordna il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni JAE-292.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 14 ta' Lulju, 2015 quddiem dak iz-zmien il-Magistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, current incident report datat 1 ta' Lulju, 2015 immarkat bhala Dok JM, current incident report datat 24 ta' Gunju, 2015 immarkat bhala Dok JT, sett ta' ritratti mmarkati bhala Dok CC, sett ta' 21 ritratt immarkati bhala Dok CC1, sett ta' 7 ritratti mmarkati bhala Dok CC2, lista ta' ghodda misruqa mmarkata bhala Dok VM2, lista tal-ghodda misruqa mmarkata bhala Dok JG1, ircevuta tal-oggetti li nghataw lura lil Joseph Grech immarkat bhala Dok JG2, cavetta ta' vann bin-numru

ta' registrazzjoni JAE 292 esebit numru KA 208/15, nota li Keith Pace kien se jinzamm taht arrest ghall-ewwel sitt sieghat immarkat bhala Dok EMC, message read report immarkat bhala Dok EMC1, current incident report datat 23 ta' Gunju, 2015 immarkat bhala Dok EMC2, current incident report datat 29 ta' Gunju, 2015 immarkat bhala Dok EMC3, current incident report datat 1 ta' Lulju, 2015 immarkat bhala Dok EMC4, messagg tal-Pulizija mmarkat bhala Dok EMC5, declaration of arrested person immarkat bhala Dok EMC6, stqarrija rilaxxjata minn Keith Pace datata 2 ta' Lulju, 2015 immarkata bhala Dok EM7, inventarju ta' oggetti elevati mill-vettura JAE 292 immarkata bhala Dok EM8, certifikat mediku datat 2 ta' Lulju, 2015 immarkat bhala Dok EM9, ticket of admission ghal Mount Carmel immarkat bhala Dok EM10, current vehicle details ghal vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE 292 immarkat bhala Dok EM11, current vehicle details ghal vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBH 849 immarkat bhala Dok EM12, current incident report datat 6 ta' Lulju, 2015 immarkat bhala Dok EM13, process verbal numru 641/2015 dwar serqa mill-ufficju tal-Environmental Landscapes Consortium li jinsab magenb il-gnien tal-Argotti fil-Furjana fit-30 ta' Gunju, 2015, vera kopja ta' sentenza deciza fl-10 ta' Novembru, 2000 immarkata bhala Dok CC1, vera kopja ta' sentenza deciza fis-7 ta' Jannar, 2003 immarkata bhala Dok CC2, vera kopja ta' sentenza deciza fil-5 ta' Mejju, 2005 immarkata bhala Dok CC3, vera kopja ta' sentenza deciza fl-20 ta' Frar, 2006 immarkata bhala Dok CC4, vera kopja ta' sentenza deciza fit-12 t'Ottubru, 2006 immarkata bhala Dok CC5, vera kopja ta' sentenza deciza fis-17 ta' Novembru, 2006 immarkata bhala Dok CC6, vera kopja ta' sentenza deciza fis-17 ta' Mejju, 2007 immarkata bhala Dok CC7, vera kopja ta' sentenza deciza fil-25 t'April, 2008 immarkata bhala Dok CC8, vera kopja ta' sentenza deciza fil-15 ta' Jannar, 2009 immarkata bhala Dok CC9, vera kopja ta' sentenza deciza fl-24 ta' Gunju, 2009 immarkata bhala Dok CC10, vera kopja ta' sentenza deciza fit-28 t'Ottubru, 2010 immarkata bhala Dok CC11, vera kopja ta' sentenza deciza fl-10 ta' Gunju, 2011 immarkata bhala Dok CC12, vera kopja ta' sentenza deciza fil-11 ta' Jannar, 2011 immarkata bhala Dok CC13, vera kopja ta' sentenza deciza fl-1 ta' Frar, 2012 immarkata bhala Dok CC14, vera kopja ta' sentenza deciza fit-2 t'Ottubru, 2014 immarkata bhala Dok CC15,

vera kopja ta' sentenza deciza fis-16 ta' Dicembru, 2014 immarkata bhala Dok CC16, vehicle details minn naha ta' Transport Malta mmarkat bhala Dok SC, vera kopja ta' sentenza deciza fl-14 ta' Lulju, 2015 immarkata bhala Dok CCX, bail book immarkat bhala Dok RPC, lista ta' oggetti misruqa mmarkata bhala Dok EB, rapport ta' PS 644 Evan Camilleri li fih sitta u ghoxrin (26) ritratt immarkat bhala Dok EC, relazzjoni ta' PS 649 Jeffrey Hughes immarkat bhala Dok JH, rapport ta' John Sacco mmarkat bhala Dok JS, inventarju tal-oggetti elevati fil-prezenza ta' Keith Pae mill-vettura JAE 292 nhar it-2 ta' Lulju, 2015 immarkat bhala Dok EC, rikors sabiex jinhareg Mandat t'Arrest u Tfittxija mmarkat bhala Dok EC1, Mandat ta' Tfittxija u Arrest immarkat bhala Dok EC2, ircevuta li l-vettura JAE 292 ittiehdet gewwa l-compound tal-Pulizija mmarkat bhala Dok EC3, sett ta' hdax-il ritratt mmarkati bhala Dok EC4, vera kopja ta' sentenza deciza fl-14 ta' Lulju, 2015 immarkata bhala Dok JG, vera kopja ta' digriet tal-kundizzjonijiet ghal liberta' provizorja datat 6 t'Awwissu, 2013 immarkat bhala Dok AM, digriet tal-kundizzjonijiet ghal liberta' provizorja datat 10 ta' Settembru, 2013 immarkat bhala Dok AM1, social inquiry report immarkat bhala Dok MFS

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni, u cioe' lil PS 1579 Johann Mifsud, PS 274 James Turner, Antoinette Rapinette, Pietro Barone, Joseph Grech, Giuseppe Barone, Vincent Muscat, PS 90 Jeffrey Gerada, PC 355 Charlot Chircop, Spettur Edel Mary Camilleri, Stephen Cachia, PC 819 Ian Azzopardi, RPC 3038 Victor Grech, Edgar Borg, PS 644 Evan Camilleri, PS 659 Jeffrey Hughes, John Sacco, Spettur James Grech, Spettur Arthur Mercieca, Matthew Fleri Soler,

**PS 1579 Johann Mifsud**, jghid li fl-1 ta' Lulju, 2015 waqt li kien xoghol l-Ghassa tal-Hamrun, dahlet telefonata li kien hemm argument familjari fi Triq Stiefnu Zerafa, Marsa. Il-pulizija marru fuq il-post fejn sabu lil Keith Pace u Antoinette Rapinett barra mir-residenza taghhom jargumentaw u sabiex ma jkomplux jargumentaw, PS 1579 dahhal lil Antoinette Rapinett gewwa l-vettura tal-Pulizija. Antoinette Rapinett spjegatlu li l-gurnata ta' qabel, sabet messagg fuq l-mowbajl ta' Keith Pace mill-ex tfajla tieghu, bdew jargumentaw

u Keith Pace ried ikecci lil Antoinette Rapinett il'barra. Inoltre, allegat li kien hemm vann ipparkjat magenb ir-residenza ta' Keith Pace li kien mimli ghodda misruqa. Il-vann kien tal-ghamla Volkswagon ta' kulur ahmar bin-numru tar-registrazzjoni JAE 292, li kien jghajjat lil Keith Pace. PS 1579 spjega li kien kellem lill-Keith Pace u li dak li qallu, huwa rifless fir-rapport li ghamel is-surgent. Is-surgent kien informa lill-Ispettur Edel Mary Camilleri b'din l-informazzjoni u kien ghalhekk li dan il-vann flimkien ma Keith Pace ttiehdu d-Depot tal-Pulizija. Hemmhekk, inhargu l-ghodda kollha mill-vann, liema ghodda gew iffotografati mill-Pulizija tal-Forensika. Keith Pace kien prezenti ghal dan kollu u inoltre nghata d-drittijiet tieghu sabiex jikkonsulta ma Avukat. PS 1579 ghamel ricerka fis-sistema tal-Pulizija biex jara x'serqiet relatati mal-ghodda kienu gew irrapurtati fl-ahhar xahrejn u beda jcempel lin-nies li ghamlu r-rapport sabiex imorru d-Depot u jaraw jekk jgharfux xi ghodda li kien hemm fil-vann. Kien hemm xi tlieta jew erba' minn nies li gharfu l-ghodda taghhom.

**PS 274 James Turner**, ipprezenta rapport bin-numru 2C1490/2015 li jirrigwarda rapport li sar nhar l-24 ta' Gunju, 2016 dwar serq minn gewwa sit ta' kostruzzjoni gewwa Triq il-Gdida, Triq l-Iskultur, Qormi fejn inserqu zewg generators li wiehed jiswa hames mitt ewro (€500) u l-iehor ta' erba' mitt ewro (€400). Wiehed mill-generators kien ta' lewn celest u l-iehor kien ta' lewn ahmar u iswed. Insteraq ukoll driller ta' kulur organjo li jiswa madwar mitt ewro (€100).

**Antoinette Rapinett**, tispjega li ltaqghet u bdiet tohrog ma Keith Pace fis-sena 2012. F'dan iz-zmien, Keith Pace kien qal lil Antoinette li kien ragel separat b'zewgt itfal. Wara ftit taz-zmien, Antoinette harget tqila bit-tifla ta' Keith Pace, izda dak iz-zmien, Keith Pace kellu jidhol il-habs jiskonta sentenza, u ghalhekk Antoinette ghamlet id-disa' xhur tqala wahedha. Keith Pace hareg mill-habs f'Awwissu, 2013 u mar jara t-tifla tieghu u rega' beda relazzjoni ma Antoinette Rapinett. Tispjega illi Keith u hi marru jghixu flimkien. Antoinette tghid li Keith kellu bzonn izomm kuntatt ma omm uliedu, certu Maria, izda Antoinette innutat li l-kuntatt li kien qed isir, ma kienx biss

fuq it-tfal izda beda jkun personali. Tiddeskrivi certu messaggi bhal "ghadek ma keccejthiex?" Keith kien spjegalha li Maria ghandha xi pledges fuqha u beda jibza' li jekk jiksira minn maghha, setghet kienet kapaci taghmillu l-hsara. Antoinette tispjega li peress li ma kienitx kuntenta bis-sitwazzjoni fejn Keith kien maqsum bejn zewg nisa, iddecidiet li titlaq mid-dar u tmur tghix gewwa 49, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa. Tispjega illi ommha tbati b'qalbha u ma hassithiex komda tmur tghix ma ommha u kienet anke marret titlob l-ghajnuna minghand il-Ministru Dr. Edward Zammit Lewis, liema talba hija tghid li waqghu fuq widnejn torox u ghalhekk ma kellhiex ghazla ohra hlief li tmur tghix f'dan il-fond. Hija tispjega li meta telqet mid-dar, telqet b'li kellha fuqha u ma haditx il-hwejjeg taghha u tat-tfal taghha. Sahansitra, kienet anke marret fuq il-post bl-assistenza tal-Pulizija sabiex tigbor hwejjigha, izda meta l-Pulizija habtu l-bieb, din Maria harget minn got-tieqa. Wara li telqet mid-dar, Keith baqa' jibghatilha messaggi biex jara jekk Antoinette kienitx ghadha thobbu, izda meta Antoinette kienet tghidlu li missu jisthi jibghatilha wara li ghaddiha sentejn koroh, Keith kien jibda jheddida li jekk isibha barra se joqtolha. Dawn il-messaggi ghaddithom lil pulizija. Antoinette tispjega li kien hemm okkazzjoni ricenti fejn sabet 'missed call' fuq il-mowbajl taghha u meta vverifikat in-numru, dan in-numru rrizulta li huwa tal-habs. Hija tikkonferma li ma ghandha lil hadd li taf li jinsab gewwa l-habs. Inoltre, tghid li apparti li Keith jhedded lilha u lill-ommha, kien hemm okkazjonijiet fejn anke qabbad lil din Maria sabiex thedded lil Antoinette. Antoinette ma tiftakarx in-numru tal-mowbajl ta' Keith stante li dan inbidel xi tlett darbiet. Tispjega li r-residenza tal-Marsa kienet mikrija lil Keith Pace u Maria Grixti u sakemm kienu ghadhom flimkien, kienu jghixu fl-istess residenza. Izda meta Maria Grixti ddecidiet li titlaq mir-residenza u lil Keith, Keith zamm ir-residenza u mar jghix hemmhekk ma Antoinette. Antoinette tikkonferma li meta dahlet gol-post, kien ghad hemm l-affarijiet personali ta' Maria god-dar, u ghalhekk Antoinette marret kemm-il darba l-Ghassa biex jinfurmaw lill-Maria sabiex tigi ghall-hwejjigha. Tispjega li ma Maria ma kellhiex relazzjoni tajba, sahansitra fethitilha xi sitt kawzi rigward glied.

**Pietro Barone**, ghandu kumpanija ta' plaster u soffitti u kellu bicca xoghol gewwa showroom il-Marsa. Jispjega li fis-sena 2015 kien mar fuq il-post u sab zewg generators, sellum u ghodda. Gie muri xi ritratti mill-pulizija u gharaf brace. Jikkonferma li t-tifel tieghu Beppe Barone ghamel ir-rapport gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi.

**Joseph Grech**, huwa foreman mal-kumpanija Environment Landscape Consortium. Jispjega li r-rapport kien ghamlu l-Assistant Foreman Vince Muscat stante li Joseph Grech kien bil-leave dak inhar tal-incident. Vince Muscat ghamel rapport li sab xi ghodda bhal hedgers u grass cutters neqsin. Il-Pulizija kienu bghatu ghal Vince Muscat u wrewh xi ritratti ta' xi ghodda, li uhud minnhom gharafhom bhala tal-kumpanija fejn jahdem. Joseph Grech jispjega li l-valur tal-ghodda li ttiehdu huwa ta' erbat elef ewro (€4000). Wara li gie muri xi ritratti tal-ghodda u muturi, Joseph Grech gharaf uhud minnhom, anke mill-ispray ahdar u gold.

**Giuseppe Barone**, jikkonferma li hu ghandu kumpanija tal-kostruzzjoni u li kien sar rapport l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal-Qormi stante li kienu sabu xi ghodda u zewg generators neqsin mill-post fejn kienu qed jahdmu u cioe' gewwa showroom fejn sab zewg bibien sgassati u fit-tieni bieb kien hemm l-ghodda tieghu. Jispjega li l-Pulizija tal-Ghassa tal-Hamrun kienu talbuh jinzel l-Ghassa sabiex jigi muri xi ritratti ta' xi ghodda u jara jekk jgharafx uhud minnhom. Fil-fatt, Giuseppe Barone gharaf id-drill li kien irraporta li kien insteraqlu. Jghid li l-valur tal-ghodda misruqin kien ta xi elf u hames mitt ewro (€1500). Jispjega li l-generator kien tal-ghamla Honda u ta' kulur ahmar. Giuseppe Barone jispjega li kien ra l-ghodda tieghu l-ahhar il-Gimgha qabel il-weekend, u meta rega' mar fix-showroom it-Tnejn fil-ghodu, sab l-ghodda nieqsa. L-affarijiet misruqa kienu proprjeta' ta' Piero Barone li jigi missier Giuseppe Barone.

**Vincent Muscat**, jikkonferma li huwa ghamel rapport lill-Pulizija fit-30 ta' Gunju, 2015 dwar is-serq ta' hmistax-il mutur ta' hedgers u hedge trimmers minn gewwa l-istore tal-kumpanija fejn jahdem, li jisimha ELC. F'din il-

kumpanija, Vincent Muscat ghandu l-kariga ta' Assistant Foreman. Dawn il-muturi jintuzaw ghal xoghol agrikolu u l-valur ta' dawn il-muturi huwa ta' erbat elef disgha u ghoxrin ewro (€4,029). Jispjega li l-istore minn fejn insterqu dawn il-muturi jinsab magenb il-knisja ta' Sarria, il-Furjana. Jikkonferma li hedge trimmer u chain saw gew ritornati lill-kumpanija, mill-Pulizija. Wara li gie muri xi ritratti ta' ghodda, mill-Pulizija, Vincent Muscat gharaf uhud mill-ghodda bhala simili tal-kumpanija. Jghid li wiehed mill-ingenji li gie ritornat kien jiswa mitejn u dsatax-il ewro (€219) filwaqt li l-ingenju l-iehor kien jiswa mitejn u hmistax-il ewro (€215). Jikkonferma li mill-hmistax-il oggett li gie misruq, tnejn biss gew ritornati.

**PS 90 Jeffrey Gerada**, jghid li kien assista lill-Ispettur Carlos Cordina dwar is-serqa li giet irrapurtata fit-30 ta' Gunju, 2015 mill-mahzen tal-kumpanija ELC, gewwa l-Furjana. Mill-post kienu nsterqu diversi ghodda li tintuza ghall-agrikoltura. L-Ispettur Edel Mary Camilleri kienet talbet l-assistenza tal-Ispettur Carlos Cordina, stante li dan kien duty officer, fuq vettura Toyota bin-numru ta' registrazzjoni HBH 849 li nstabet fi Triq Stefano Zerafa, fit-12 ta' Lulju, 2015. Wara li l-pulizija staqsew ghal xi nformazzjoni mill-girien, irrizulta li din il-vettura kienet tintuza minn certu Keith Pace li kien jirrisjedi faccata ta' fejn kienet ipparkjata l-karozza. Il-Pulizija nnutaw li avolja kien hemm xugaman tal-bahar jipprova jghatti x'kien hemm fil-vettura, seta' jigi nnutat li kien hemm xi ghodda fl-istess vettura. Il-vettura kienet imsakkra u ghalhekk il-Pulizija ma setghetx ticcekkja x'kienet l-ghodda, u wara certu verifiki, irrizulta li l-karozza kienet registrata fuq barrani, izda l-licenzja u l-insurance ma kienux imhallsin u kienu anke skaduti. L-Ispettur Edel Mary Camilleri kienet iffukata li ssib li Keith Pace stante li dan kien harab mill-kustodja tal-Pulziija waqt li kien qieghed l-isptar. L-Ispettur Edel Mary Camilleri u l-Ispettur Carlos Cordina nfurmaw lill-Magistrat dwar dan kollu u l-Magistrat kien hatar lill-espert Vincent Ciliberti sabiex jispezzjona l-vettura. L-espert Vincent Ciliberti flimkien mal-Pulizija tad-distrett u l-Pulizija tal-Forensika gew fuq il-post u hadu r-ritratti tal-vettura u l-vettura ttiehdet is-CID. Ghalkemm kienet imsakkra, l-espert Vincent Ciliberti rnexxielu jiftah il-vettura fil-prezenza tal-Pulizija li hadu ritratti, fejn instabu

xi ghodda liema ghodda l-Pulizija ssupettaw li kienu gejjin mis-serqa tat-30 ta' Gunju, 2015. Il-pulizija ghalhekk infurmaw lil Vincent Muscat u l-imghallem tieghu Joseph Grech sabiex jigu jaraw b'ghajnejhom l-ghodda in kwistjoni. PS 90 Jeffrey Gerada talab lil Vincent Muscat igib mieghu lista tal-ghodda misruqa. Fil-lista kien hemm anke ndikat is-serial numbers tal-oggetti li nsterqulhom u fil-fatt, wara certu verifiki, nstabu chain saw u hedge trimmer li kienu proprjeta' tal-kumpanija ELC. Sahansitra, Vincent Muscat kien anke gharaf l-ghodda mill-kulur taghhom stante li kienu jizbghu l-ghodda taghhom sabiex jintgharfu minn ghodda ohra. Ghalhekk, fit-22 ta' Lulju, 2015, PS 90 Jeffrey Gerada haraeg ircevuta lil Joseph Grech u ghadda dawn iz-zewg ghodda lilu stante li huwa sidhom. PS 90 Jeffrey Gerada spjega li meta Keith Pace mar is-CID sabiex jigi nterrogat mill-Ispettur Carlos Cordina, dan tal-ahhar ta l-caution u d-dritt sabiex jikkonsulta ma Avukat, izda Keith Pace insista mal-Ispettur sabiex ma jitressaqx permezz ta' arrest izda b'citazzjoni. L-Ispettur Cordina pprova jispjegalu fid-dettall ghala ma setghax jaghmel hekk, u Keith Pace beda jirrabja u baqa' jinsisti li jitressaq b'citazzjoni u mhux b'arrest. L-Ispettur Cordina fil-prezenza ta' PS 90 Jeffrey Gerada spjega lil Keith Pace li kien kiser il-kundizzjonijiet ta' bail u kellu diversi kazijiet ta' serq u kien ghalhekk li ma setax iressqu permezz ta' citazzjoni. L-Ispettur Cordina ta struzzjonijiet lil PS 90 Jeffrey Gerada sabiex inizzel lil Keith Pace il-lock-up u kien hawnhekk li Keith Pace beda jhabbat rasu ma bieb tal-hgieg u jinsisti li jittella Mount Carmel. L-Ispettur Cordina ta struzzjonijiet lil PS 90 sabiex Keith Pace jittiehed il-poliklinika tal-Furjana u fil-fatt PS 90 flimkien ma kollega tieghu haduh gewwa l-poliklinika, fejn gie riferut ghal Mater Dei. Ghalhekk stqarrija ma ttiehditx u jumejn wara, Keith Pace tressaq il-Qorti.

**PC 355 Charlot Chircop**, jghid li kien xoghol l-Ghassa tal-Belt bhala telephone orderly u fit-30 ta' Gunju, 2015, ghal habta tas-sebgha neqsin ghaxra ta' filghodu (06:50), Vincent Muscat mar jaghmel rapport fil-posizzjoni tieghu bhala foreman mal-kumpanija ELC u stqarr li kien sab xi ghodda neqsin mill-mahzen li ghandha l-kumpanija gewwa l-Furjana. Vincent Muscat stqarr ukoll li kellu suspett li l-ghodda nsterqet bejn il-lejl tat-28 ta'

Gunju, 2015 u d-29 ta' Gunju, 2015 jew inkella bejn il-lejl tad-29 ta' Gunju, 2015 u t-30 ta' Gunju, 2015. PC 355 Charlot Cutajar gie nfurmat minn Vincent Muscat li l-ghodda kienet tikkonsisti minn grass cutters, chain saws u ghodda ohra li tintuza mill-istess kumpanija.

**Spettur Edel Mary Camilleri**, tghid li fl-1 ta' Lulju, 2015 hija kienet tal-ghassa u giet infurmata minn PS 1579 Johann Mifsud li kien ircieva nformazzjoni li kien hemm vettura hamra bin-numru ta' registrazzjoni JAE 292 li seta' kellha xi oggetti misruqa go fiha. Meta saqsiet lis-surgent 1579 ta' min kienet il-vettura, dan tal-ahhar wegibha li kienet ta' Keith Pace. Hija tat struzzjonijiet lil PS 1579 sabiex itella l-vettura flimkien ma Keith Pace gewwa d-Depot tal-Pulizija fejn l-affarijiet ta' gol-vettura kellhom jigu ffotograffati mill-Pulizija fil-prezenza ta' Keith Pace, filwaqt li dawn l-oggetti jigu ccekkjati mar-records tal-Pulizija fejn kien hemm rapporti ta' serq ta' ghodda. Ftit tal-hin wara, l-Ispettur Edel Mary Camilleri ordnat lis-surgent 1579 sabiex ipoggi lil Keith Pace taht arrest fuq suspett li kellu oggetti misruqa u li kien qed igorr xi affarijiet in relazzjoni ma serq. Hija nfurmat lill-Magistrat tal-Ghassa Dr. Aaron Bugeja b'dan kollu u l-Magistrat ikkoncedi lill-Ispettur li zzomm lil Keith Pace taht arrest l-ewwel sitt sieghat. L-Ispettur Edel Mary Camilleri tat struzzjonijiet sabiex jaghddi messagg lill-Pulizija tad-distretti sabiex jekk ghandhom kaz ta' serq ta' ghodda, jirrikorru gewwa l-Ghassa tal-Hamrun sabiex titkompla l-investigazzjoni u jigi stabbilit dawn l-oggetti humiex misruqin jew le. Is-surgent informa lill-Ispettur li kien sab xi 7 rapporti ta' serq ta' dan it-tip. Wiehed mir-rapporti kien sar minn certu Pietro Barone u Giuseppe Barone nhar it-23 ta' Gunju u l-24 ta' Gunju, 2015. Rapport iehor sar fit-30 ta' Gunju, 2015 minn Vincent Muscat. L-Ispettur Edel Mary Camilleri ccekkjat rapport iehor li huwa GHQ/CID/714/2013 fejn jidher li Keith Pace kien qed jiffirma l-bail book, izda ghal xi raguni, ghal perjodu ta' zmien waqaf milli jiffirma. Hija bghatet ghal Keith Pace sabiex jigi mitkellem u jirrilaxxja stqarrija. Fit-2 ta' Lulju, 2015, Keith Pace irrilaxxja stqarrija u dan wara li ghazel li ma jikkonsultax ma Avukat u fejn dehrlu li ma jiffirmax l-istess stqarrija. Keith Pace insista li ghal certu ghodda li nstabu fil-vettura tieghu, huwa kellu rcevuta stante li kien xtrahom minghand

persuna mill-Belt Valletta, izda ma riedx isemmi ismijiet. Keith Pace beda jinsisti mal-Ispettur Edel Mary Camilleri sabiex ma tressqux b'arrest izda tressqu b'citazzjoni u matul l-istqarrija huwa beda jghidilha li ma jiflahx u kien agitat hafna. Fl-ahhar tal-istqarrija, Keith Pace qam minn bil-qieghda u beda jsabbat rasu mal-hajt. Ghalhekk, l-istqarrija kellha tigi nterrotta. L-Ispettur Edel Mary Camilleri gabet tabib mill-poliklinika u sussegwentement, Keith Pace ittiehed Mount Carmel. Meta l-Ispettur infurmat lil Keith Pace sabiex jergghu imorru fejn il-vettura tieghu u jaraw l-oggetti li kien hemm fiha, Keith Pace ghazel li ma jmurx mal-Ispettur ghaliex hassu hazin. Fis-6 ta' Lulju, 2015, dahlet informazzjoni lill-Ispettur Edel Mary Camilleri illi fi Triq Stiefnu Zerafa, Marsa, faccata r-residenza ta' Keith Pace kien hemm vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBH 849 li kellha oggetti allegatament misruqa go fiha. Ghalhekk, l-Ispettur talbet lill-Magistrat tal-Ghassa sabiex tinfetah inkjesta u minn din l-inkjesta gew elevati xi fingerprints. Din il-vettura kienet tghajjat lil persuna ohra u mhux Keith Pace, izdsa rrizulta li l-licenzja kienet qed tigi mhallsa minn Keith Pace stess. Nel frattemp, Keith Pace kien gie rilaxxjat minn Mount Carmel fil-15 ta' Lulju, 2015 wara li l-Pulizija ppruvaw jirrintraccawh u Keith Pace tressaq il-Qorti b'arrest fil-15 ta' Lulju, 2015. L-Ispettur Edel Mary Camilleri tispjega illi meta Keith Pace iddahhal l-isptar minn jeddu, hi kienet bghatet lil PC 819 bhala skorta sabiex hi tmur u tiddikjara lil Keith Pace taht arrest, izda wara ftit minuti, PC 819 cemplilha u nfurmaha li Keith Pace harablu mill-x-ray room.

**L-Ispettur Edel Mary Camilleri** regghet xehdet fil-21 ta' Novembru, 2017, fejn ikkonfermat li lil Keith Pace arrestatu u ppruvat tiehodlu l-istqarrija fl-ufficju taghha gewwa l-Ghassa tar-Rabat Malta, izda Keith Pace beda jagita ruhu u sahansitra qabad vazun li kien hemm fuq l-iskrivanija tal-Ispettur u beda jsabbat il-vazun ma rasu. Ghalhekk, l-istqarrija kellha tigi nterrotta sakemm Keith Pace ittiehed il-poliklinika tar-Rabat li hija kantuniera l'boghod mill-Ghassa tar-Rabat, Malta. Ikkonfermat li mill-perjodu tal-1 ta' Lulju, 2015 sal-14 ta' Lulju, 2015, Keith Pace rega' gie arrestat gewwa l-isptar Mater Dei mill-Ispettur Edel Mary Camilleri, izda pero' harab mill-iskorta tieghu PC 819.

**Stephen Cachia**, in rapprezentanza ta' Transport Malta, gie mitlub jaghmel ricerka fuq zewg vetturi. Vettura bin-numru ta' registrazzjoni HBH 849 tal-ghamla Toyota Corolla ta' kulur silver registrata fuq Abdallah Ahmad Nauafleh detentur tal-karta tal-identita' numru 2524907A. Din il-vettura ilha hekk irregistrata mit-13 ta' Settembru, 2010. Vettura bin-numru ta' registrazzjoni JAE 292 ta-ghamla Volkswagen Transporter ta' kulur ahmar registrata fuq Keith Pace detentur tal-karta tal-identita' numru 327480M. Din il-vettura ilha hekk irregistrata mit-22 ta' Dicembru, 2014.

**PC 819 Ian Azzopardi,** jispjega li fis-6 ta' Lulju, 2015 huwa mar l-isptar fejn sab lill-Ispettur Edel Mary Camilleri tinforma lil Keith Pace li kien qieghed taht arrest. Keith Pace kellu bzonn jittiehed ghal xi testijiet tal-x-rays u kellu labra fil-vina. X'hin ragel mill-kamra tal-x-rays, Keith Pace talab lil PC 819 kopja tal-Mandat t'Arrest, avolja Keith Pace kien diga nfurmat mill-Ispettur Edel Mary Camilleri li kien qieghed taht arrest. PC 819 Ian Azzopardi ma kellux kopja tal-Mandat t'Arrest u ghalhekk Keith Pace nfurmah li kien se jitlaq. Fil-fatt Keith Pace hareg il'barra u peress li kellu l-labra ghadha fil-vina, il-Pulizija ma hassx li seta' jissara mieghu stante li seta' jwegghu. Ghalhekk, PC 819 cempel lill-Ispettur Edel Mary Camilleri biex jiehu struzzjonijiet minghandha. Nel frattemp, huwa ntefa wara l-karozza li rikeb fiha Keith Pace flimkien mat-tfalja tieghu Maria Grixti u t-tfal tieghu, izda Keith Pace rriversja lura ghal fuq PC 819. PC 819 rega' ntefa' wara l-karozza izda mbghad iddecieda li jersaq minn quddiem il-karozza.

**RPC 3038 Victor Grech**, huwa stazzjonat l-Ghassa tal-Hamrun u pprezenta l-bail book li jiffirma fuqu Keith Pace. Lil Keith Pace gharfu fl-awla.

**Edgar Borg,** huwa inspector mal-kumpanija Environmental Landscapes Consortium li hija public private partnership u l-head offices jinsabu Wied Incita, Attard. Jispjega li l-kumpanija sofriet minn serq ta' ghodda bhal muturi, hedge cutters, chain saws u grass cutters mill-mahzen li ghandha gewwa l-Furjana. Jghid li jahseb li l-valur ta' dawn l-oggetti misruqa jaqbez l-ammont ta' elfejn u tlett mitt ewro (€2,300). Jispjega li l-Ispettur li kien qed

jindaga l-kaz infurmah li wisq probabbli l-halliel ghadda mit-tieqa minn naha ta' wara li tigi int u niezel lejn il-gnien ta' San Filippu. Edgar Borg jghid li t-tieqa hija tieqa li tippermetti bniedem milli jghaddi u dak iz-zmien it-tieqa kienet difettuza tant li ma kienitx tinghalaq tajjeb. Avolja t-tieqa tinsab fil-gholi, il-halliel irnexxielu jitla', jiftah it-tieqa, jisraq dak li seraq u hareg barra mill-bieb ta' barra.

**PS 644 Evan Camilleri**, jahdem bhala scene of crime officer gewwa l-Laboratorju Forensiku tal-Pulizija u fit-30 ta' Gunju, 2015, il-Magistrat tal-Ghassa Dr. Anthony Vella kien inkarigah sabiex jiehu ritratti u jghamel ezamijiet ghall-impronti digitali fuq serqa li sehhet minn mahzen tal-kumpanija ELC li jinsab gewwa Gnien l-Argotti, Furjana. Meta mar fuq il-post, PS 644 eleva turnavit li kien estranju ghal fond u ghalhekk ghaddieh lil PS 659 Jeffrey Hughes bhala espert tal-impronti digitali.

**PS 659 Jeffrey Hughes**, gie mahtur fit-30 ta' Gunju, 2015 bhala espert tal-impronti digitali, fuq serqa li sehhet gewwa ELC Office, Argotti Gardens, Floriana. Huwa ghamel ezaminazzjoni tal-impronti fuq it-turnavit li gie elevat minn PS 644 izda ma kien hemm l-ebda zvilupp ta' mpronti fuq dan l-istess turnavit.

**John Sacco**, jghid li fl-10 ta' Mejju, 2016, gie nominat mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona sabiex jaghmel elenku tal-oggetti li kienu jinsabu gewwa vettura Volkwagen Transporter bin-numru ta' registrazzjoni JAE 292 li kienet qed tigi mizmuma fil-bitha tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Fil-prezenza ta' Keith Pace, l-Avukat tieghu, l-Ispettur Edel Mary Camilleri u l-Ispettur Carlos Cordina, John Sacco ghamel elenku tal-oggetti.

**Spettur James Grech,** ipprezenta sentenza fil-konfront ta' Keith Pace moghtija mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale nhar l-14 ta' Lulju, 2015.

**Spettur Arthur Mercieca**, ipprezenta digriet tal-kundizzjonijiet ghal liberta provizorja li nghataw lil Keith Pace nhar is-6 t'Awwissu, 2013 kif ukoll digriet

tal-kundizzjonijiet ghal liberta provizorja li nghataw lil Keith Pace nhar l-10 ta' Settembru, 2013.

**Matthew Fleri Soler**, huwa stazzjonat gewwa d-Dipartiment tal-Probation u Parole u hejja s-social inquiry report. Ilu jsegwi lil Keith Pace "on and off" sa mis-sena 2011. Fiz-zmien meta sehh dan il-kaz u cioe' 2015 Matthew Fleri Soler kien qed isegwi lil Keith Pace fuq provisional order of supervision. Jispjega li f'dan iz-zmien, Keith Pace ma kienx isegwi l-istruzzjonijiet tal-Probation Officer, tant li Matthew Fleri Soler ikkomunika diversi drabi mal-Qorti u nfurmaha li Keith Pace ma kienx qed jattendi ghall-appuntamenti. F'Novembru, 2016, Keith Pace dahal gewwa Santa Marija sabiex jaghmel programm u minn hemmhekk, sar kambjament ghall-ahjar, fl-attitudni ta' Keith Pace. Keith Pace igradwa mill-programm fis-sena 2017. Jispjega li Keith Pace inghata zewg sentenzi fejn gie kkundannat ghal servizz fil-komunita'. Fil-fatt, huwa kellu sentenza ta' erba' mija u tmenin siegha (480) u sentenza ohra ta' tlett mitt siegha (300). Bhalissa fadallu cirku sitt mija u hamsin siegha (650).

Rat li permezz ta' digriet datat 26 t'Ottubru, 2017 tal-Prim Imhallef Dr. Silvio Camilleri, din il-kawza giet assenjata lill-Magistrat Dr. Donatella Frendo Dimech.

Rat li fis-seduta tal-24 t'April, 2018, id-Difiza ta' Keith Pace talbet li jsir social inquiry report u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 18; 261(b), (c) u (f); 263; 264; 265; 266; 267; 270; 278(3); 279(a); 280 u 281 tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Fl-artikoli 18 u 325(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
c) Fl-artikoli 18; 261(c), (e) u (f); 267; 269; 270; 279(b); 280(1) u 281 tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fl-artikoli 18 u 325(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fl-artikoli 334(a) u 279(b) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fl-artikoli 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
g) Fl-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
h) Fl-artikolu 151 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
i) Fl-artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta;
j) Fl-artikolu 96 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
k) Fl-artikolu 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
l) Fl-artikoli 18 u 579(2) u (3) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
m) Fl-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;
n) Fl-artikoli 17; 23; 23B; 23C; 31; 49; 50; 289; 383; 384; 385; 386; 532A u 533 tal- Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fil-verbal tas-26 ta' Marzu, il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wiegeb li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jinstema' bi procedura sommarja.

Rat li fit-8 t'Ottubru, 2018, Keith Pace irregistra ammissjoni.

Rat li fit-8 t'Ottubru, 2018, din il-Qorti kif diversament presjeduta tat sentenza fil-konfront ta' Keith Pace u poggietu taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin u Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin.

Rat li fil-11 t'Ottubru, 2018, il-Kummissarju tal-Pulizija talab li l-atti jintbghatu lill-Avukat Generali stante li kien bi hsiebu jappella ghal din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-Appell tal-Avukat Generali datat 30 t'Ottubru, 2018.

Rat li fis-22 ta' Jannar, 2019, il-Qorti tal-Appell Kriminali tat sentenza fil-konfront ta' Keith Pace fejn ordnat li dawn il-proceduri jergghu jintbghatu lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u li Keith Pace kellu jerga' jitpogga fil-posizzjoni li kien immedjatament qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza appellata sabiex terga' tinghata sentenza mill-gdid.

Rat id-digriet datat 30 ta' Jannar, 2019 tal-Prim Imhallef Dr. Joseph Azzopardi li permezz tieghu, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif presjeduta.

Il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma' lil Fr Brian Gialanze jghid kif l-imputat huwa ta' ghajnuna fil-kommunita' tieghu u kif qieghed irendi ruhhu disponibbli u qed jaghmel passi kbar fil-posittiv fil-hajja tieghu, u kif ukoll semghjet lill-probation officer Matthew Fleri Soler jghid li hemm indikazzzjonijiet li l-imputat qieghed jghix hajja stabbli.

**Ikkunsidrat:**

Illi wara li l-Qorti tal-Appell regghet baghtet l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u l-imputat jitpogga fil-posizzjoni li kien qabel ma nghatat is-sentenza tat-8 t'Ottubru 2018. Illi fis-seduti li segwew wara li din il-Qorti kif preseduta giet assenjata din il-kawza, l-imputat ma rtiraxx l-ammissjoni tieghu u ghalhekk baqa' fl-istess posizzjoni li kien u cioe' li huwa kien ammetta ghall-akkuzi fil-konfront tieghu fis-seduta ta' nhar it-8 t'Ottubru 2018.

Illi l-imputat kif intqal hawn fuq kien ammetta l-imputazzjonijiet kollha fil-konfront tieghu minghajr riservi fis-sedutat tat-8 t'Ottubru 2018. Illi din il-Qorti kif inhi preseduta tpoggiet fl-istess sitwazzjoni tat-8 t'Ottubru 2018 u cioe' meta l-imputat kien ammetta ghal tali imputazzjonijiet. Illi ghalhekk din

il-Qorti m'ghandiex triq ohra ghajr li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi fil-konfront tieghu kif minnu gew ammessi kollha minghajr riservi ta' xejn u dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni. Illi bla dubbju l-ewwel hsieb li jigi huwa l-gravita' tar-reati li taghhom qed jistab hati l-imputat u anki fatturi ohrajn bhall-ammissjoni ta' l-imputat li ma kenitx wahda bikrija fic-cirkostanzi. Madanakollu wiehed ma jistax ma jzommx f'rasu li l-istess Qorti kif preseduta li baghtet dan il-process lura ghal-gudizzju tat opportunita' ohra f'kawza separata datata 18 ta' Mejju 2021 meta hemmhekk imponiet ordni ta' probation, u dan senjatament ghaliex l-imputat kien qed juri li qed jaghmel progress kbir f'hajtu. Illi ma jistax ma jittiehidx in konsiderazzjoni l-fatt li l-allegati reati sehhew f'Lulju 2015 u cioe' aktar minn seba' snin ilu.

Illi l-Qorti ma tistax tinjora l-fedina penali ta' l-imputat u jigi innutat li r-reati li huwa ikkommetta sa mis-sena 2000 huwa gie akkuzat b'serq aggravat, falsifikazzjoni, glied u affarijiet ohra meta wehel multi, probations u anki piena karcercarja. Ghalhekk il-Qorti qed tassumi li l-imputat jaf xi tfisser il-portata ta' l-ammissjoni tieghu u jaf kemm ma hu xejn pjacevoli li tqatta perjodu taz-zmien fil-habs, u temmen, bis-sahha tax-xhieda li qed isegwu lill-imputat li huwa sincerament qed jipprova jbiddel hajtu, u certament li din il-Qorti ma ghandha l-ebda intenzoni li tkun hi li twaqqaf lill-imputat fil-progress li huwa wera s'issa li qed jaghmel u kif irrikonoxxiet ukoll il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha datata *18 ta' Mejju 2021 fl-ismijiet il-Pulizija vs Keith Pace, appell numru 284/2020.*

**Dwar Piena**

Dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat ghar-reati addebitati lilu, il-Qorti tinnota li fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Novembru 2006 fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Rene sive Nazzareno Micallef inghad is-segwenti:

*"Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta'. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta' dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena".*

Illi l-fatti ta' kull kaz u dak li jsawruh huma differenti minn kaz ghal kaz u ghalhekk jghamluh uniku. Il-legislatur ma jistax jistabilixxi kriterji jew cirkostanzi ghal kull kaz li jkun hemm il-Qorti u jistabbilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' fatti u cirkostanzi differenti li fihom jkun twettaq dak il-kaz jew reat partikolari. Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu. Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi hija prerogattiva tal-Qorti u dejjem fil-parametri tal-Ligi taghti dawk il-pieni skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz. Illi ghalhekk il-Qorti tkun trid issib dak il-bilanc mehtieg dwar l-ghoti tal-piena u l-messagg li trid taghti ghal kumplament tas-socjeta'.

Illi inoltre qed issir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' nhar l-24 ta' Marzu 2014 fl-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Stephen Urry* meta l-Qorti qalet hekk:

*F'dan il-kaz, din il-Qorti mhix konvinta li jekk l-imputat jerga' jigi ikkundannat ghal piena karcercarja ohra fuq reati li huwa ammetta ghalihom u li sehhew aktar minn sitt snin wara li gew kommessi sejjer ikun qieghed imur ghall-ahjar f'hajtu;*

*Wara li qieset bir-reqqa dak kollu mistqarr aktar il-fuq, bhall-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kaz ta' Hatherly, din il-Qorti leta li tiehu r-riskju u li minflok terga' tikkundanna lill-imputat ghal piena ohra ta' prigunerija, bi hsiebha li tqeghdu taht ordni ta' probation bl-obbligu li l-imputat jigi segwit barr l-konfini tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin fejn donnu ma kien tghallem xejn..."*

Illi tenut kont ta' dak kollu indikat hawn fuq il-Qorti hija tal-fehma li m'ghandiex tfixkel il-progress u l-isforzi ta' l-imputat li huwa qed jaghmel biex jirranga hajtu, sahansitra jirrizulta li qieghed f'kuntatt ma' l-OASI biex jistrada l-problemi li ghandu.

Inoltre fis-seduta datata 11 t'Ottubru 2022 il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma lil Charlene Galea meta xehdet li l-imputat hati ilu f'kuntatt ma' l-Oasi mit-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena 2018 u wara dak dahal f'programm f'Novembru 2019 u lesta l-programm residenzjali fid-9 ta' Marzu tas-sena 2020, dejjem kien kooperattiv, dejjem hadem ma' l-Oasi u ghadu f'kuntatt maghhom sa iss. Huma jkollhom session darba fil-gimgha u fi zmien il-covid xotra kien ikollhom session u kienu jaghmluhom virtual u l-urine test dejjem irrizulta fin-negattiv.

Xehed ukoll il-Probation Officer ta' l-imputat Matthew Fleri Soler, li iddikjara li l-ahhar darba li xehed kien fit-8 ta' Jannar 2021 fejn il-progress ta' Keith Pace baqa' wiehed konsistenti, huwa kien u ghadu qieghed jimpenja ruhhu bis-shih biex jirrabilita' ruhhu mill-vizzju tad-droga u kompla miexi l-quddiem. Il-kuntatt ma' l-Ufficcjal tal-Probation baqa' wiehed regolari ferm u kull gimgha jaghti rendikont ta' dak kollu li jkun ghaddej f'hajtu.

In vista ta' dan kollu ghalhekk il-Qorti thoss li fl-ahjar interess ta' l-imputat ikun iktar idoneju li jibqa' jigi segwit permezz ta' ordni ta' probation.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-5 ta' Dicembru 2017 u senjatament l-artikoli 17, 18, 23, 23B, 23C, 31, 49, 50, 85, 96, 151, 261(b), (c), (e) u (f), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 270, 278(3), 279(a) u (b), 280, 281, 289, 325(1)(b) u (1)(d), 334(a), 338(ee), 339(1)(e), 383, 384, 385, 386, 532A, 533, 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a), (2) u (3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta; l-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qeghda tiddeciedi li tpoggi lill-hati Keith Pace taht Ordni ta' Probation taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-probation massimu permess mil-ligi ta' tlett (3) snin ai termini ta' l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond l-ordni anness ma din is-sentenza u dan qed isir ghaliex temmen li Ordni ta' Probation fil-konfront tieghu ghandha ikollha effett aktar gust u ekwu fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u dan bil-ghan li l-appellant jkompli jinghata direzzjoni f'hajtu u bl-ghajnuna tal-ufficcjal tal-probation ikompli jibni fuq dak li ga beda fejn gie registrat progress.

Din l-ordni qed issir wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x'inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni u accertat ruhha li l-istess hati accetta li joqghod ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni. Huwa ghalhekk li din il-Qorti sejra timponi kundizzjonijiet stretti fl-Ordni taghha.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qoerti fissret lill-imputat Keith Pace bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-Ordni ta' Probation mogjtija b'digriet tal-lum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat Keith pace u taghti r-rakomandazzjoni taghha li jigi nominat l-ufficjal ral-Probation Matthew Fleri Soler biex ikompli ghaddej bil-hidma tieghu fuq il-probationer Keith Pace.

In oltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tpoggi lilI-imputat taht obbligazzjoni personali ghal zmien ghal zmien tnax (12)–il xahar millum taht penali ta' hames mitt Ewro (€500) milli jimmolesta u/jew jivvessa lil Antoinette Rapinett.

Illi wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 579(2) tordna li s-somma ta' hames mitt Ewro (€500) imposta bhala depozitu u s-somma ta' elfejn Ewro (€2000) imposta bhala garanzija personali permezz ta' digriet datat it-2 ta' Settembru 2013, li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. Micallef Trigona, ghandhom jghaddu a favur il-Gvern ta' Malta.

Illi inoltre tordna li s-somma ta' hames mitt Ewro (€500) imposta bhala depozitu u s-somma ta' elfejn Ewro (€2000) imposti bhala garanzija personali permezz ta' digriet datat 10 ta' Settembru 2013 li bih inghata l-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. C Peralta ghandhom jghaddu a favur il-Gvern ta' Malta.

Illi inoltre tordna li s-somma ta' elf Ewro (€1000) imposta bhala depozitu u s-somma ta' ghaxart elef Ewro (€10,000) imposta bhala garanzija personali permess ta' digriet datat 6 t'Awissu 2013 li bih inghata l-helsien mill-arress mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. N Camilleri ghandhom jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

B' applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf tlett mija tnejn u ghoxrin Ewro u sebgha u disghin centezmu ta' l-Ewro

(€1322.97) liema ammont jirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f' dan il-kaz.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Maria Grech Cardona**
**Deputat Registratur**